**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**SAVIOUR GRECH**

**Illum 23 t'April 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SAVIOUR GRECH** ta' sebgha w tletin sena bin Vincent u mary nee` Tanti mwieled Pieta` fl-ewwel ta' Jannar 1964 u joqghod Blk 7, Flat 3, St Andrews Housing Project, Pembroke, detentur ta' karta tal-identita` numru 36964(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha t'Ottubru u fix-xhur ta' qabel, f'Malta xjentement xtara jew laqa` ghandu hwejjeg misruqa u cioe` kwantita ta' apparat tal-computers u apparat iehor li l-valur taghhom jeccedu s-somma ta' mitt lira (Lm 100) izda mhux aktar minn elf lira (Lm 1,000) ghad-dannu ta' diversi sidien, liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn

Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Frar 2001 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati tal-akkuza kif adebitata lilu.

Semghet lil prosekuzzjoni tghid illi l-imputat ikkopera bis-shih maghha sa mil-bidu nett tal-investigazzjoni u ir-res furtiva tinsab f'idejha.

Il-Qorti ghaldaqstant rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u thoss illi f'dawn ic-cirkostanzi il-piena idonea hija dik ta' probation, specjalment meta tqis li ghandu fedina penali relattivament nadifa.

Il-Qorti ghaldaqstant fic-cirkostanzi qieghda tillibera lil imputat **SAVIOUR GRECH** bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum u dan bl-applikazzjoni tal-artiklu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**